**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**14 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru 70/2017**

**Rowena Busietta**

**Vs**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Rowena Busietta** datat 19 ta' Dicembru 2017 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:

"

1. *Illi fis-sena 2015 l-esponenti applikat ghal-tigdid tal-Licenzja tas-Sewqan taghha taht il-Kategorija B, flimkien ma' liem gie anness ic-certifikat mediku datat 4 ta' Marzu 2015 (hawn anness u mmarkat* ***Dok A****) ai termini tar-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.18), liem certifikat mediku jiccertifika illi l-esponenti hija "fit to drive";*

2. *Illi permezz ta' ittra mibghuta mill-Awtorita' intimata nhar il-21 ta' April 2015 (hawn annessa u mmarkata* ***Dok B****), l-esponenti giet mgharrfa illi l-applikazzjoni taghha ghat-Tigdid tal-Licenzja tas-Sewqan taghha ma setghetx tigi pprocessata minhabba s-segwenti ragunijiet: -*

    - *Ammont hazin fic-cekk;*
    - *Certifikat mediku mehtieg;*

3. *Illi fl-14 ta' Lulju tas-sena 2015, l-esponenti irceviet ittra mill-Occupational Health (Medical) Unit tal-Isptar San Luqa, fejn giet mitluba tattendi l-ufficju taghhom sabiex isirilha ezami mediku dwar il-Licenzja tas-Sewqan (hawn annessa u mmarkata **Dok C**). **Jigi rilevat illi l-esponenti ghaddiet minn dan l-ezami mediku ghall-iskop tal-Licenzja tas-Sewqan**;*

4. *Illi minkejja illi l-esponenti ghamlet dak mehtieg mill-Awtorita', l-Awtorita' intimata naqset milli tohrog it-tigdid tal-licenzja tal-esponenti, jew se mai taghti raguni ghar-rifjut ta' dan it-tigdid;*

5. *Illi ghalhekk l-esponenti ma ratx triq ghajr terga' tapplika mill-gdid sabiex terga' tottjeni mill-gdid licenzja tas-sewqan (Kategorija B). Illi ghal dan l-ghan, l-esponenti regghet ottjeniet Certifikazzjoni Medika ghal-Licenzji tas-Sewqan datata 16 ta' Marzu 2017, fejn ghal darb'ohra regghet giet iccertifikata illi hija "fit to drive" (hawn anness u mmarkat **Dok D**);*

6. *Illi permezz ta' ittra datata 29 ta' Marzu 2017 (hawn annessa u mmarkata **Dok E**), l-esponenti ġiet mgħarrafa mill-Awtorità intimata li hi kienet bi ħsiebha tirrifjuta l-applikazzjoni tagħha għat-tiġdid tal-licenzja tas-sewqan taghha ai termini tar-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.18) minhabba li: -*

   > *"...the Authority shall not issue a driving license to an applicant whose driving license is restricted, suspended, withdrawn or cancelled. As you are aware, your driving license has been withdrawn due to medical reasons and recommendations..."*

7. *Illi permezz ta' ittra datata 20 ta' Novembru 2017 (hawn annessa u mmarkata **Dok F**), l-esponenti sahqet is-segwenti: -*

   > *In this regard, we refer you to Para 4 (a) (i) of the Eighth Schedule of SL 65.18 Motor Vehicle (Driving Licences Regulations), wherein it is stipulated that driving licences subject to certain restrictions, if necessary, may be issued to physically handicapped applicants or drivers following the issuing of an opinion by a competent medical authority. A competent medical authority is defined at law as "a medical practitioner or a group of medical practitioners".*
   >
   > *Reference is hereby being made to the medical assessment conducted by Dr Godfrey Farrugia M.D. on the 16 March 2017 (herein attached) which certifies that Ms Busietta is fit to drive as per the Eighth Schedule of SL 65.18.*

8. *Illi permezz ta' ittra datata 29 ta' Novembru 2017 (hawn annessa u mmarkata **Dok G**), l-esponenti gie mgharraf mill-Awtorita' intimata illi:*

   > *"...in terms of Para: 4 (a) (i) of the Eight Schedule of SL 65.18 [...] a driving license **"may"** be issued, subject to certain restrictions, to persons with a locomotor disability. (enfasi tal-Awtorita' intimata)*

*In this case, on the basis of the preponderance of evidence which the Authority has in its possession which clearly points out that the issuance of a driving license in your favour could seriously jeopardise road safety and that the driving of a motor vehicle could constitute a danger both to your goodself as well as to others, the Authority is exercising its discretion vested in it by the quoted Para: 4 (a) (i) of the Eight Schedule of SL 65.18 in order to refuse to continue to process your driving license application, and this in your best interest as well as of the general public…"*

9. *Illi l-esponenti tirrileva illi huwa minnu illi tbati mill-kundizzjoni magħrufa bħala Huntington Disease, iżda ma taqbilx mal-Awtorita' intimata illi "the issuance of a driving license in your favour could seriously jeopardise road safety and that the driving of a motor vehicle could constitute a danger both to your goodself as well as to others" u dan għas-segwenti raġunijiet:*

   i. *L-esponenti ġiet iddijanjostikata bil-marda msemmija fis-sena 2008, fejn instab illi l-marda kienet fi stadju bikri, ossia fi "Stage 1";*

   ii. *Illi matul dan iż-żmien sas-sena 2012, ossia meta l-esponenti kellha ġġedded il-liċenzja tas-sewqan tagħha minħabba skadenza, hija dejjem saqet regolarment u qatt ma kellha inċidenti fit-triq;*

   iii. *Illi l-esponenti ilha għal dawn l-aħħar seba' (7) snin tirċievi trattamenti ta' Stem Cells mit-tabib kuranti tagħha Dr Eric Farrugia, li huwa trattament pruvat illi jtejjeb il-kundizzjoni ta' persuni illi jsoffru minn din il-marda;*

   iv. *Illi in fatti, l-istadju tal-marda tal-esponenti baqa' fi "Stage 1";*

**10.** *Illi di piu, l-esponenti tirrileva illi qatt ma ġiet murija dokumenti mill-Awtorita' intimata, ossia evidenza, jew aħjar kif reklamat mill-Awtorita' intimata, "preponderance of evidence which the Authority has in its possession…". Illi kull tip ta' evidenza fir-rigward tagħha, stante li tirrigwarda lilha, kellha tinġieb a konjizzjoni tagħha. Illi subordinament, jekk din l-evidenza kienet timporta informazzjoni medika dwar l-esponenti, se mai din l-informazzjoni, skond l-Artikolu 15 tal-Kap 440 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha tiġi pprocessata minn professjonist tas-saħħa* ***jew minn xi persuna oħra li tkun suġġetta għall-obbligu impost fuqha ta' segretezza professjonali (enfasi tal-esponenti);***

**11.** *Illi l-esponenti tisħaq illi l-Awtorita' intimata ma kinitx korretta meta bbażżat ruħha fuq opinjoni li ma hijiex a konoxxenza tal-background tagħha u ma ħaditx in kunsiderazzjoni l-evalwazzjoni tat-tabib kuranti tagħha, illi iktar jista' jasal għal-konklużjoni adegwata dwar l-abilita' tagħha illi ssuq;*

**12.** *Illi lanqas l-Awtorita' ma tindika jekk din l-evidenza fuqiex ibbażat ruħha hijiex ta' natura medika jew mod ieħor, jew jekk hijiex maħruġa minn awtoritajiet mediċi kompetenti jew minn awtoritajiet kompetenti oħra f'dan ir-rigward;*

13. *Illi ghalhekk id-decizjoni tal-Awtorita' intimata hija ghal kollox nieqsa minn valutazzjoni ekwitattiva u nuqqas ta' verifiki. Bħala prinċipju, għandu jkun ċar li, speċjalment fejn jidħlu deċiżjonijiet li jaffetwaw l-għejxien ta' persuna, bhalma huwa s-sewqan, l-Awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jieħdu l-istess deċiżjonijiet leġġerment jew abbażi ta' interpretazzjoni selettiva, b'dan li jigu skartati l-opinjonijiet tal-kuranti tal-esponenti illi ghandhom konjizzjoni tal-istat attwali taghha;*

14. *Illi se mai, l-esponenti qieghda titlob cans sabiex tapplika ghal-hrug tal-licenzja tas-sewqan in kwistjoni, u mhux ghat-tigdid tal-istess. Ghalhekk l-esponenti ser tkun soggetta ghat-test tal-prattika illi jiddetermina jekk ghandhiex tinhareg licenzja tas-sewqan fil-konfront taghha jew le;*

15. *Illi, fl-isfond tal-konsiderazzjonijet surreferiti, l-esponenti huwa konvint li ddeċiżjoni ta' rifjut tal-Awtorità intimata hija waħda żbaljata u li ma ssib l-ebda riskontru fil-fatt jew fid-dritt;*

16. *Illi, għaldaqstant, l-esponenti qiegħed jintavola l-proċeduri odjerni quddiem dan l-Onorabbli Tribunal għall-konsiderazzjoni għaqlija u superjuri tal-kwistjonijiet imqanqlin f'dan ir-Rikors;*

*Ghaldaqstant, in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, kif ukoll dawk ir-raġunijiet kollha li se jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-Rikors, l-esponenti titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta kontenuta fl-ittra ta' rifjut tagħha datati 29 ta' Marzu 2017 u 29 ta' Novembru 2017, u tigi accettata l-applikazzjoni taghha ntavolata nhar is-16 ta' Marzu 2017 ghal-Licenzja tas-Sewqan (Kategorija B) u dan prevja kwalunkwe ordni u/jew provvediment meqjus opportun sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet taghha, bl-ispejjeż kontra l-Awtorità intimata. "*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** pprezentata fit-3 ta' Jannar 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

"

1. *Illi, preliminarjament, l-appell intavolat mill-appellanti Rowena Busietta gie prezentat tardivament u fuori termine u kwindi huwa irritu, null u bla effett fil-ligi stante li gie pprezentat ferm wara t-trapass ta' ghoxrin gurnata stabbilita skond il-ligi a tenur tal-artikolu 40 tal-Kap. 499 mid-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti.*

2. *Sussidjarjament, u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, hija responsabilita' principali tal-Awtorita' rispondenti illi tiehu hsieb is-sahha u l-inkolumnita' tal-utenti kollha illi jaghmlu uzu mit-toroq f'pajjizna, u tali obbligu tadempih ukoll billi, inter alia, tirrifjuta l-hrug ta' licenzji tas-sewqan lill-persuni li, sfortunatament, l-istat ta' sahha taghhom jikkostitwixxi perikolu ghalihom u ghal terzi persuni, kif inhuwa l-kaz tal-appellanti illi ex admissis tbati minn Huntington's disease, marda illi tikkawza d-deterjorazzjoni tal-abbilitajiet fizici u mentali ta' min ibati biha u li timmanifesta ruhha, inter alia, f'nuqqas ta' kontroll tal-movimenti, forgetfulness u impaired judgment u konsegwentement, id-decizjoni tal-Awtorita', motivata bl-*

*intenzjoni suprema li thares is-sahha u s-sigurta' tal-appellanti nnifisha u tal-pubbliku in generali, hija wahda gusta, korretta u skond il-ligi.*

3. *Illi fir-rigward ta' persuni illi jbatu minn dizabilita' lokomotorja, l-artikolu 4(a)(i) tat-Tmien Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 jaghti diskrezzjoni lill-Awtorita' rispondenti jekk johrogx licenzja tas-sewqan o meno, u diment li tali diskrezzjoni, kif gara fil-kaz odjern, ma tkunx giet uzata b'mod abbuziv, diskriminatorju u/jew illegali izda tkun giet applikata ghall-gid tal-applikanti nnifisha u tal-pubbliku generali, tali diskrezzjoni li taghti l-ligi stess m'ghandhiex, b'kull rispett, tigi mwarrba u sostitwita bid-diskrezzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal.*

4. *Illi d-decizjoni tal-Awtorita' hija wahda gusta, korretta u fil-parametri tal-ligi u ghalhekk timmerita konferma u m'ghandhiex tigi revokata u konsegwentement it-talbiet tal-appellanti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra illi permezz ta' decizjoni datata 2 ta' Lulju 2018 giet deciza l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata dwar it-tardivita` tal-appell;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassitha aggravata b'zewg decizjonijet tal-Awtorita` intimata, u cioe` wahda datata 27 ta' Marzu 2017 u ohra 29 ta' Novembru 2017, li permezz tal-ewwel wahda giet infurmata li l-Awtorita` ma kinitx se tohrog licenzja tas-sewqan favur taghha, u permezz tat-tieni wahda giet infurmata li l-Awtorita` ma kinitx se tibqa' tipprocessa l-applikazzjoni taghha ghall-istess licenzja.

Illi l-bazi ta' din il-kwistjoni hija marda li r-rikorrenti hija afflitta minnha, u *cioe`* l-*Huntington disease*. It-tobba li xehdu f'dawn il-proceduri huma tal-parir li minhabba l-istess kundizzjoni, ma jkunx ghaqli li r-rikorrent issuq, kemm minhabba s-sigurta` taghha u kif ukoll is-sigurta` ta' terzi.[1] Gie pprezentat ukoll *assessment report* li l-Kummissjoni ghad-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilita` ghamlet fir-rigward

---

[1] Ara xhieda ta' Dr. Robert Galea li stante li hu ma hassx li seta' jiccertifika lir-rikorrenti bhala *"fit to drive"* issuggerixxa li jsir *simulator test* a fol. 77 u 78 u x-xheda ta' Dr. Godfrey Farrugia fejn stqarr illi ghalkemm fl-2017 kien iccertifika lir-rikorrent bhala "*fit to drive"* illum il-gurnata m'ghadux tal-istess opinjoni (a fol. 57).

tar-rikorrenti wara li hi giet riferuta lill-istess Kummissjoni minghand it-tabib tal-Awtorita` intimata sabiex jigi assessjat il-*"current functional capacity"* taghha u jekk ghandhiex bzonn xi modifiki biex issuq. Illi dan l-assessjar sar mit-terapista Chris Baldacchino fl-24 ta' Frar 2016 li f'dawn il-proceduri xehed illi huwa ma kienx tal-opinjoni li jkun ghaqli li r-rikorrenti tithalla ssuq. Madankollu, biex jikkonferma dan kollu huwa kien ikkomunika ma' ghalliem tas-sewqan, certu Pierre Farrugia, li wkoll wera thassib dwar il-kapacita` taghha li ssuq.

Pierre Farrugia stqarr illi huwa kien ghamel xi sitt lezzjonijiet tas-sewqan mar-rikorrenti kummissjonat mill-Kummissjoni ghad-Drittijiet ta' Persuni b'Dizabilita`. Jispjega illi r-rikorrenti ma kinitx qed issegwi l-istruzzjonjiet tieghu u ghalhekk waqqaf il-lezzjonijiet u rraporta lill-Kummissjoni li r-rikorrenti ma kinitx idonea biex issuq.

**Ikkunsidra:**

Illi minn dak li rrizultalu dan it-Tribunal, principalment mix-xhieda tat-tobba, jirrizulta illi l-marda li hija afflitta minnha r-rikorrenti hija wahda li taffettwa, *inter alia*, l-movimenti fizici taghha u allura tista' tigi kklassifikata bhala dizabilita` lokomotorja.

Illi ai termini tar-Regolament 34 tal- Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 (Regolamenti Dwar il-Licenzji ghas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur):

*"Il-liċenzi tas-sewqan jinħarġu biss lil dawk l-applikanti –*

*(a) li jkunu għaddew mit-test fit-teorija u mit-test ta' ħila u mġieba u li jissodisfaw l-istandards mediċi, skond -dispożizzjonijiet tar-Raba', il-Ħames u t-Tmien Skeda; u*

*(b) li jkollhom ir-residenza normali tagħhom f'Malta, jewjistgħu juru li ilhom jistudjaw f'Malta għal għall-inqassitt xhur qabel ma jissottomettu l-applikazzjoni."*

Illi skont id-decizjoni appellata u riportata a fol. 16 tal-process, jirrizulta illi l-Awtorita intimata ikkwotat proprju Partita 4 (a) (i) tat-Tmien Skeda li titratta proprju dwar *"Persuni b'Disabilita` Lokomotorja"* u li tghid is-segwenti:-

*"M'għandhomx jinħarġu jew jiġġeddu liċenzi tas-sewqan għal applikanti jew sewwieqa li jkunu qegħdin ibatu minn ilmenti jew anormalitajiet tas-sistema lokomotorja li jirrendu s-sewqan ta' vettura bil-mutur perikoluż.*

*(a) Grupp 1:*
*(i) Liċenzi tas-sewqan li jkunu suġġetti għal ċerti restrizzjonijiet, jekk dawn ikunu meħtieġa, jistgħu jinħarġu lil applikanti jew sewwieqa fiżikament handikappati wara li tingħata opinjoni minn awtorità medika kompetenti. Din l-opinjoni għandha tkun imsejsa fuq valutazzjoni medika ta' l-ilment jew abnormalità inkwistjoni u, meta jkun meħtieġ, fuq test prattiku. Għandha wkoll tindika x'tip ta' modifikazzjoni tkun meħtieġa fil-vettura u jekk is-sewwieq ikollux bżonn jilbes apparat ortopediku, fil-qies li t-test ta' ħila u mġieba ikun juri li s-sewqan b'tali apparat ma jkunx perikoluż.*

*(ii) Jistgħu jinħarġu jew jiġġeddu liċenzi tas-sewqan għal applikanti li jkunu qegħdin ibatu minn ilment progressiv bil-kondizzjoni li l-persuna b'disabilità tiġi eżaminata regolarment bil-għan li jiġi verifikat li l-persuna tkun għadha tista' ssuq il-vettura għal kollo xb'mod sigur."*

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-Awtorita` intimata proprju ezercitat id-diskrezzjoni moghtija lilha biex abbazi tal-imsemmija legislazzjoni ma tkomplix tipprocessa l-applikazzjoni tar-rikorrenti.

Illi mis-sottomissjonijiet finali mressqa mid-difensuri tar-rikorrenti jirrizulta illi l-lanjanza principali taghha hija li l-Awtorita` intimata ma setghetx twaqqaf il-processar tal-applikazzjoni tar-rikorrenti semplicement ghax hija afflitta mill-*Hungtinton's disease*. U dan ghaliex, skont l-istess difensuri, l-Awtorita` kellha obbligu li tikkunsidra jekk ir-rikorrent, per ezempju, setghetx issuq vetturi b'xi modifiki.

Illi t-Tribunal jirrileva illi l-ligi stess, u cioe` Legislazzjoni Sussidjrja 65.18, taghmel eccezzjonijiet ghal min hu afflitt b'xi dizabilita`. Illi biex persuna b'dizabilita` fizika tinghata licenzja tas-sewqan, trid l-ewwel u qabel kollox tinghata opinjoni minn awtorita` medika, liema opinjoni ghandha tkun imsejsa fuq valutazzjoni medika tad-dizabilita` in kwisjtoni, u meta jkun mehtieg, fuq test prattiku. L-istess opinjoni medika ghandha tindika x'tip ta' modifiki jkunu mehtiega fil-vettura.

Illi minn dak li rrizulta f'dan il-process jirrizulta illi l-Awtorita` intimata ottjeniet opinjoni medika, u cioe` dik ta' Dr. Robert Galea. Ottjeniet ukoll opinjoni ta' *occupational terapist*, u cioe` dik ta' Chris Baldacchino, u jidher ukoll li kien hemm numru ta' okkazjonijiet fejn ir-rikorrenti saqet taht gwida. Illi l-Qorti qieghda taghti l-piz dovut lix-xhieda ta' Chris Baldacchino li qal is-segwenti *"We do have a simulator to assess one's driving ability within this complex however it's not appropriate for all medical conditions. Some medical conditions the information*

*that the simulator will present us with would give us a false indication of somebody's ability or not. Having an on road assessment is what is necessary in order to be able to really assess one's ability."* Min-naha l-ohra d-difensuri tar-rikorrenti jishqu illi l-Awtorita` intimata ma tatx lir-rikorrenti l-opportunita` li taghmel testijiet fuq vetturi modifikati.

Illi wara li t-Tribunal haseb fit-tul fuq dak kollu sottomess miz-zewg partijiet, u ha in konsiderazzjoni wkoll l-opinjoni medika li rrizultat fil-mori ta' dan il-process, b'sens ta' responsabbilita` lejn ir-rikorrenti u lejn il-pubbliku in generali, huwa tal-opinjoni illi abbazi tal-fatti li kellha quddiemha, l-Awtorita` intimata ezercitat id-diskrezzjoni taghha b'mod gust. Illi fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, anke jekk isiru xi modifiki, xorta wahda se jkun hemm bzonn minimu ta' movimenti li trid taghmel ir-rikorrenti biex issuq. Issa, minn dak li seta' jikkonstata dan it-Tribunal, il-movimenti tar-rikorrenti, sfortunatament, ma humiex daqstant ko-ordinati u ghalhekk hemm riskju reali li l-movimenti muskolari involontarji jinducu lir-rikorrenti biex tkun ta' perikolu ghaliha u ghal haddiehor li jkun fit-triq.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-opinjoni illi l-Awtorita` intimata ghamlet apprezzament gust tas-sitwazzjoni tar-rikorrenti, anke bazata fuq opinjoni ta' terzi professjonisti, u kwindi kellha kull dritt li twaqqaf il-process tal-applikazzjoni tas-sewqan tar-rikorrenti.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrenti.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**